**MIN HU DILETTANT TAL-PASSA TAL-GĦASAFAR JGĦIDLEK LI JILMAĦ MILL-BOGĦOD L-GĦASAFAR FI QTAJJA' ĠEJJIN META JPASSU MINN FUQ PAJJIŻNA U JITGĦAXXAQ IĦARES LEJHOM FI QTAJJA'**



**Marco Bonnici**
Il-President
tal-Malta Union of Teachers

# Passa minn kullimkien

Ma nifhimx fil-passa tal-għasafar iżda nifhem xi ftit fl-edukazzjoni. Fl-edukazzjoni wkoll ikollna xi passa minn żmien għal ieħor – dan l-aħħar kellna l-passa tal-qtajja' li qed isostnu li għandu jiżdied il-ħin tal-iskola u qed jippruvaw jagħmlu kull argument biex dan iseħħ.

Bħalma fil-passa tal-għasafar tibda tara l-għasafar ġejjin minn kullimkien, fil-passa tal-edukazzjoni l-individwi bl-aġenda tagħhom jibdew ġejjin ukoll minn kullimkien! Iżda l-passa tibqa' passa, u bħall-għasafar li jgħosfru wara li jgħaddu minn fuqna, l-istess jiġri minn dawn l-individwi li jiġu bl-aġenda tagħhom u din tisfuma fix-xejn wara ftit.

Tlift l-għadd ta' kemm-il darba din it-tema tal-ħinijiet tal-iskejjel issemmiet fil-pubbliku fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Iżda filwaqt li xi drabi jkun hemm raġunijiet ġenwini, bħalma kien hemm numru ta' snin ilu meta l-ġenituri ma kellhom l-ebda servizz għat-tfal wara l-ħin tal-iskola, l-aġenda ta' dan l-aħħar mhi ġenwina xejn, u ħafna ndunaw biha.

Filwaqt li hemm xi wħud li qed jippruvaw jitfgħu argumenti u raġunijiet sabiex it-tali proposta ma tidhirx fl-intier tagħha, dan mhux qed jirnexxi. Hu fatt magħruf li wara din il-proposta tal-ħinijiet imtawlin tal-iskejjel m'hemmx aspetti edukattivi.

### Il-ħinijiet tal-iskejjel

Ir-raġunijiet li qed jingħadu huma li t-tul tal-ħinijiet tal-iskejjel jgħin l-ekonomija u l-produttività. Iżda hawn ta' min jistaqsi jekk it-titjib fl-ekonomija u l-produttività aħniex se ngawdu minnu aħna jew minflok aħniex ser insiru iżjed skjavi tax-xogħol. Għaliex hu magħruf li l-ħinijiet tal-iskejjel jaffettwaw l-impjiegi u t-tul tal-granet tax-xogħol. Tajjeb li nistaqsu ftit mistoqsijiet, iżda ninsab ċert li ħadd minn dawk li qed imexxu l-aġenda msemmija mhu ser iwieġeb!

Xi ħadd staqsa jekk din il-proposta hix intiża sabiex il-familji jaħdmu aktar sigħat ta' xogħol? Xi ħadd staqsa jekk dan ifissirx li l-familji jgawdu inqas lil xulxin? Xi ħadd staqsa jekk il-familji hux ser ikollhom inqas ħin biex irabbu lil uliedhom? Xi ħadd ra l-kontradizzjoni li l-istess konferenza tal-NCPE, li qajmet din il-kwistjoni, irrakkomandat ukoll li l-familji Maltin għandhom iġibu tlett itfal fid-dinja?

### Il-ġid tal-ħaddiema

Xi ħadd qed isemmi li l-benesseri ta' kull ħaddiem għandu jiġi qabel l-ekonomija u l-produttività? Xi ħadd qed jinduna li diġà għandna tfal, inklużi trabi, li qed jagħmlu tnax-il siegħa kuljum l-iskola? Xi ħadd qed jagħti kas ta' xi jridu t-tfal, li żgur li jekk jistgħu ma jibqgħux l-iskola sakemm jidlam?

Xi ħadd qed jara l-effett fuq it-tfal meta t-trobbija tibda ssir mill-iskola u mhux mill-ġenituri? Xi ħadd qed jimbotta sabiex il-ħaddiem jaħdem inqas minflok iżjed u jaqla' iżjed? Xi ħadd qed isemmi miżuri mixtieqa, bħall-ġimgħa ta' erbat ijiem għall-ħaddiema minflok ħamsa? Xi ħadd qed jara jekk din il-proposta tistax verament isseħħ?

Il-passa tiġi u tgħaddi u ninsab ċert li għad tiġi passa oħra bħal din fuq l-istess tema u dak li għadni kemm ktibt ikun għadu japplika fl-intier tiegħu. Il-passa t-tajba!